# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 353/10 MH**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2018.**

**Tanya sive Gaetana Lindfield (ID 554465M)**

**vs**

**Maria Amanda Azzopardi (ID 66386M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attriċi tat-12 ta' April 2010** li permezz tieghu ippremettiet:

1. *"Illi hija kienet involuta f' incident stradali li sehh fis-17 ta' Settembru 2008 gewwa Triq Bir Riebu, Rabat (Malta). Illi hija kienet qed issuq vettura numru DBL-228 filwaqt li l-konvenuta, intimata kienet qed issuq vettura numru MWA-128 ;*

2. *Illi tali incident sehh minhabba htija tal-intimata u dana peress li hija kienet qed issuq b' negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-*

*traffiku. Illi kawża ta' tali incident l-esponenti sofriet feriti gravi, feriti li kkawzaw danni kemm attwali u kif ukoll tat-tip lucrum cessans u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawża u kif certifikat mit-tobba kuranti tar-rikorrenti.*

3. *Illi l-esponenti sofriet diżabilita' permanenti fil-persentagg ta' 15%.*

4. *Illi minkejja li nterpellata sabiex tersaq ghal assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawża ;*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :-*

1. *Tiddikjara li l-incident stradali li sehh fis-17 ta' Settembru 2008 gewwa Triq Bir Riebu Rabat (Malta) waqt li esponenti kienet b' vettura DBL-228 u l-intimata kienet b' vettura MWA-128 sehh unikament minhabba l-istess intimata u dana peress li hija kienet qed issuq b' negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku ;*

2. *Tiddikjara li kawża tal-incident mertu tac-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-esponenti sofriet danni kemm attwali u kif ukoll lucrum cessans, liema danni jistghu u ghandhom jigu likwidati anke permezz tal-opera ta' periti nominandi ;*

3. *Tikkundanna lill-intimata konvenuta thallas id-danni hekk likwidati ;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuta tad-9 ta' Lulju, 2010**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eccezzjonijiet -

1 *"Illi l-eccipjenti tirrileva illi hija gja accettat l-maggior parti tar-responsabilita' ghal dan l-incident. Illi l-incident sehh meta l-eccipjenti kienet qegħda temergi minn fuq stop sign ghal fuq triq, dak il-hin uzata mill-attrici, b' mod illi prima facie, l-incident gara principalment b' tort tal-eccipjenti. Irrizulta pero' illi l-attriċi kienet qegħda ssuq fi triq dejqa f' inkrocju ristrett ghaliex mal-gemb tax-xellug tat-triq mnejn kienet qegħda temergi l-eccipjenti appuntu biex tispezzjona it-triq principali, kien hemm vettura pparkjata. Fic-cirkostanzi ghalhekk, huwa car illi l-attriċi kkontribwiet ghall-akkadut bl-velocita' ezagerata tagħha f' zona u lokalita' fejn il-moderazzjoni u l-prudenza kienu imperattivi ghaliha.*

2 *Illi l-eccipjenti tikkontesta d-danni pretizi mill-istess attriċi billi, kif ukoll jirrizulta mir-rikors promotur tal-attrici, l-attriċi qegħda tallega illi bhala konsegwenza tal-incident stradali meritu ta' din il-kawża, hija soffriet diżabilita' fil-persuna tagħha f' persentagg ta' hmistax fil-mija (15%). Din l-allegazzjoni hija kontestata mill-ecceipjenti billi, skond ma gie riferit lilha mill-assikuraturi tagħha, id-disabilita' residwali sofferta mill-attriċi huwa ta' tlieta fil-mija (3%) u jezisti dubbju jekk din id-disabbilita' gietx verament kawzata mill-impatt tal-kollizjoni mertu ta' din il-kawża. Imsejsa fuq id-disabbilita' allegata minnha, l-attriċi ghamlet talba ghall-hlas ta' danni fis-somma komplessiva ta' circa €41000 illi giet meqjusa bhala ezagerata hafna mill-eccipjenti u l-assikuraturi tagħha.*

3 *Illi l-attriċi qegħda tallega illi bhala konsegwenza soffriet ingurji f' ghonqha u d-dizabbilita' tagħha tikkonsistu appuntu f' tali ingurji. Din l-allegazzjoni*

[1] Fol 13

*baqghet tigi sostenuta mill-attriċi minnghajr kwalifici jew spjegazzjonijiet ulterjuri ghalkemm irrizulta illi minn snin qabel il-kollizzjoni meritu tal-kawża, l-attriċi gja kellha problemi serji f'ghonqha illi ghalihom giet operata.*

4 *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-perit mediku mqabbda minnha Dr Josanne Aquilina kif ukoll ir-rapport mediku tal-periti perizjuri nkarigati minnha.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2018[2] permezz ta' liema ċaħdet it-talba tad-difensur tal-konvenuta biex in segwitu għar-rapport u l-eskussjoni tal-periti perizjuri huwa jerġa' jressaq lit-tabib ortopediku Frederick Zammit Maempel biex jerġa' jixhed.

Rat illi wkoll waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2018[3] id-difensur tal-attriċi ddikjara li kien jirrimetti ruhu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-mertu tal-każ u li kien qiegħed jistrieħ fuq l-esperti peritali. Minn naħa l-oħra għalkemm il-konvenuta ngħatat terminu biex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali hija baqgħet m'għamlitx dan.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

---

[2] Fol 239
[3] Fol 238

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ tal-lum nhar is-17 ta' Settembru 2008 ġewwa r-Rabat (Malta) seħħ inċident stradali bejn l-attriċi, sewwieqa ta' vettura numru DBL-228, u l-konvenuta sewwieqa ta' vettura numru MWA-128. L-attriċi tatribwixxi r-responsabbilita' unika għal dan l-inċident lill-konvenuta u permezz tal-proċeduri odjerni qed titlob il-ħlas kemm tad-danni materjali kif ukoll il-*lucrum cessans* minħabba d-diżabilita' permanenti li hija sofriet.

Minn naħa l-oħra l-konvenuta għalkemm irrikonoxxiet li hija kienet aċċettat l-akbar parti tar-responsabbilta' tal-inċident irribattiet li anke l-attriċi kkontribwiet għall-akkadut b'nuqqas ta' prudenza meta kienet qed issuq b'veloċita' esaġerata. Inoltre hija kkontestat ukoll d-danni pretizi n kwantu fil-fehma tagħha huma esaġerati u mhux mistħoqqa fl-intier tagħhom.

**A. PROVI**

i. Xehdet **l-attriċi Gaetana Lindfield**[4] li qalet li dakinhar tal-inċident kienet għaddejja fuq xogħol bil-vettura fi triq sekondarja tar-Rabat fl-akwati tan-Nigret. Meta kienet qed isuq fit-triq prinċipali ħarġet karozza (misjuqa mill-konvenuta) minn fuq *stop sign* u baqgħet sejra għal fuqha. Id-daqqa ħaditha fuq in-naħa ta' quddiem fuq il-mudguard in-naħa tax-xufier. Tgħid li dakinhar ta' l-inċident ma sar ebda diskors bejniethom. Qalet ukoll li sitt xhur qabel l-inċident *de quo* kienet ġiet operata f'għonqha u li kienet ġiet kompletament għan-normal u kienet qed issuq u taħdem għal kollox normali. Bl-impatt tal-inċident idejha mill-ewwel kesħitilha, marret l-isptar u għamlet xahrejn ma taħdimx (tħallset tagħhom). Il-ġrieħi li ġarbet tgħid li kienu minn idejha għal għonqha. L-ispeċjalista li kienet ratha l-isptar, kunjomha Vanderlaat għamlitilha rapport u tatha 15% diżabilita'. Sussegwentement din l-ispeċjalista bagħtitha għall-fiżjoterapija iżda tgħid li kien għalxejn. Hija tgħid li sal-lum għadha ssofri l-

[4] Fol 32A et seq

konsegwenzi tal-inċident, li għadha tħoss uġiegħ f'idejha u f'għonqha. Xogħolha huwa ta' *sales representative*. Fl-epoka tal-inċident bħala paga kellha ċirka €1300 jew €1400 fix-xahar. Fir-rigward tal-karozza t-tort ġie aċċettat u għalhekk kollox ġie rranġat. Il-kawża odjerna spjegat li kienet qegħda ssir biss peress li ma hemmx qbil dwar il-persentaġġ ta' diżabilita'.

In **kontro-eżami**[5] meta mistoqsija jekk it-triq li kienet għaddejja minnha hijiex pjuttost dejqa hija wieġbet li hija triq li jgħaddu minnha żewġ karozzi. Żiedet li qabel l-inċident hija ma żammitx il-*break* għax il-vettura tal-konvenuta ħarġet f'daqqa. Id-distanza tagħha mill-kantuniera meta rat il-karozza l-oħra l-ewwel darba kienet waħda qasira għax ma kienx hemm lanqas metru bogħod. Il-veloċita' li kienet għaddejja biha kienet ta' ċirka 30 jew 35. Kienet qed issuq fuq in-naħa tat-triq tax-xellug. Tgħid li l-ħabta seħħet fuq in-naħa tat-triq fejn kienet qed issuq hi. Fil-karozza kienet waħedha.

Qalet ukoll li qabel l-inċident kienet għamlet operazzjoni f'għonqha għax kellha *slip disc*. Bħala kaġun tal-inċident bdiet tiġbdilha idejha u kien ġej minn għonqha. Jiġifieri kaġun tal-inċident hija reġgħet weġgħet għonqha. Qalet ukoll li qabel l-operazzjoni ma kellhiex inċidenti oħra. Iżid li wara li kienet għamlet l-operazzjoni kienet ġiet sew. L-operazzjoni saret disa' (9) xhur qabel l-inċident. Wara l-inċident hi qalet li skont il-konsulent Van 't Verlaat b'effett tal-inċident hija reġgħet marret lura għas-sitwazzjoni ta' qabel l-operazzjoni u fil-fatt din il-konsulent kienet saħansitra bgħatitha l-isptar għall-fiżjoterapija. L-attriċi qalet li kawża tal-inċident meta ssuq tħossha għajjiena u debboli.

F'**kontro-eżami ulterjuri**[6] l-attriċi kkonfermat li viċin it-triq sekondarja li minnha kienet ħierga l-konvenuta, fuq in-naħa tax-xellug kien hemm vettura pparkjata imma nsistiet li l-konvenuta xorta waħda setgħet tara minn fejn

---

[5] Fol 67A et seq
[6] Fol 112 et seq

setgħet u kellha toħrog. Qalet li l-karozza pparkjata kienet naqra 'l isfel u allura fil-fehma tagħha kieku ħarġet ftit u waqfet kienet taraha ġejja.

Sussegwentement **l-attriċi reġgħet xehdet fuq ordni tal-Qorti**[7] qalet li għandha 48 sena. F'Jannar 2008 u ċioe' 9 xhur qabel l-inċident kienet għamlet operazzjoni minħabba *slip disc* liema operazzjoni saret minn Dr Johanna Van 't Verlaat. Qalet li kellha nofs ġisimha paralizzat qabel ma saritilha l-operazzjoni fl-isptar Mater Dei.Ukoll li bejn wieħed u ieħor wara sitt ġimgħat li għamlet din l-operazzjoni hija kienet reġgħet bdiet issuq. Xogħolha huwa ta' *sales representative*. Il-gurnata tagħha tikkonsisti li ddur bil-karozza tieħu l-ordnijiet mingħand tal-ħwienet. Qalet li kienet taħdem ma' Paul Anthony Bonnici, kumpanija li tbiegħ affarijiet relatati ma' *detergents* pero' li hi sempliċiment tieħu l-ordnijiet u ma terfax merkanzija. Xehdet li l-problema li kellha qabel kienet fuq in-naħa tal-lemin ta' persuntha. Kien pero' wara l-inċident li idejha bdiet torqdilha. Ikkonfermat li qabel l-operazzjoni hi lanqas setgħet issuq għal perjodu ta' ħames xhur prova dan li fil-fatt problema f'idha kellha. Tgħid li pero' wara l-operazzjoni ġiet kollox normali. Fil-fatt wara sitt ġimgħat li kienet ġiet operata hi reġgħet daħlet lura għax-xoghol u kienet saħansitra qegħda terġa ssuq. Qalet li jkollha t-tnemnim f'idejha. Wara li kellha l-inċident in kwistjoni tgħid li spiċċat bi tlett swaba li lanqas tħosshom. Żiedet li llum il-gurnata għadha ssuq pero' tgħejja ħafna. Spjegat li kien jagħtiha ugiegħ minn għonqha li jibqa' nieżel ma' idha l-leminija. Spjegat li għalkemm kienet taqbad oġġetti b'idejha pero' jekk xi hadd iniggizha lanqas thoss it-tingiża. Xehdet li kellmet lil Dr Van 't Verlaat fuq din il-problema u kienet anke għamlitilha *shock treatment* St. Lukes kif ukoll marret għall-fiżjoterapija. Kienet tieħu pilloli għall-uġiegħ meta jtiha l-uġiegħ f'għonqha li jibqa' nieżel għal idejha. Mistoqsija mill-Qorti kif ġiet din il-problema wieġbet li t-tabiba qaltilha li din ġrat bl-inċident u qaltilha wkoll li ma tistax terġa' tagħmlilha operazzjoni issa.

[7] Fol 120 et seq

Skont din it-tabiba hija għandha problema f'nerv. Hija kienet rat ukoll lil Dr Zammit Maempel li kien ġie mqabbad mill-kumpanija assikurattiva. Wara li eżaminaha u għamel rapport hija kellmet lil Dr Van 't Verlaat u qaltilha biex ma taċċettax ir-rapport tiegħu għax huwa mhuwhiex *neurosurgeon* u hi li dan il-konsulent għandu bzonn jaraha minħabba l-ħsara li għandha.

ii. Mir-**rapport tal-Pulizija**[8] **relattiv għall-inċident *de quo*** jirrizulta li l-verżjoni tal-attriċi kienet li *"I was driving along Triq Bir Riebu downwards towards the flats. She just got out from the stop sign. I tried to stop and I hit the brakes but we still collided."* Il-verżjoni tal-konvenuta kienet li *"I had stopped on the Stop Sign before turning left into Triq Bir ir-Riebu. There was a car parked on the left side along the pavement. As soon as I drove off, the other car came towards me at high speed and we collided."*

iii. F'rapport esibit mill-konvenuta tal-**kirurgu ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel tad-9 ta' Diċembru 2009**[9] fejn huwa eżamina lill-attriċi erbatax -il xahar wara l-inċident in kwistjoni huwa ta din l-opinjoni –

*"Ms Lindfield….provided written permission for her hospital records to be consulted. The radio imaging of her neck in November 2007 and January 2008 (months before the accident) show widespread discopathy of the cervical spine, long standing at C 5/6 with substantial degenerative changes. Radiographs of the neck on the day of the accident, confirm the extensive decompressive laminectomy undertaken in January 2008. More significantly it shows no evidence of bony misalignment at the time of the accident, and no evidence of significant soft tissue damage. The latter can be deducted from the absence of radiological evidence of neck muscle spasm. The neurological examination*

[8] Fol 17 et seq
[9] Fol 21 et seq

*suggests right C6 root dysfunction, as well as brisk reflexia associated with a tense individual. The hospital records, and more specifically the operation note, documents that the right C6 root was trapped and required a foraminotomy before it was adequately decompressed and resumed pulsating. Root or cord compression (at the same level) is improbable following a radical laminectomy and foraminotomy. A severe jolting could have precipitated a listhesis- however the radiological examination excludes this. The jolting may have accelerated the rate of degenerative change occurring at the levels with a discopathy. Symptoms stirred up by the accident would be expected to improve with time, and the lethargy or tiredness, which I believe to be psychological in nature, is also expected to improve.*

*In conclusion,* ***Ms Lindfield suffered a permanent disability rated at 3% (three) as a result of the accident of September 2008****.”*

Fix-**xhieda tiegħu viva voċe** quddiem il-Qorti[10] il-konsulent Zammit Maempel qal li kien ra lil attriċi darba fl-20 ta' Novembru 2009. Bil-kunsens tagħha eżamina wkoll il-*file* mediku tagħha tal-isptar. Spjega li r-*records* tagħha tal-isptar juru li hija kienet ilmentat minn uġiegħ f'għonqha li niżel għal idejha qabel u kienu għamlulha xrays ta' għonqha kemm f'Novembru 2007 kif ukoll f'Jannar 2008, jigieri 10 xhur u 7 xhur qabel l-inċident in kwistjoni. Dawn l-x rays kienu wrew *arthrite discopathy* jiġifieri d-discs mifqughin. Qal li l-artrite ma tizviluppax fi żmien gimgħa. Meta tizviluppa artrite li tidher fuq x-ray u fuq MRI ifisser li tkun ilha għaddejja. Huwa ra wkoll l-xrays li ttieħdu fil-jum tal-inċident mertu tal-proċeduri odjerni fejn saret ukoll operazzjoni li kienet *an extensive decompression laminectomy*. Huwa qal li bl-iskoss li ħadet fl-inċident peress li hi diga' kellha l-artrite f'għonqha u bnadi ohra seta' wkoll aċċellera l-proċess ta' deġenerazzjoni u qajjem is-sintomi tagħha. Minħabba f'dan huwa kkonkluda li l-attriċi ħaqqha 3% diżabilita' permanenti. Mistoqsi kemm setgħet

[10] Fol 89 et seq

ikkontribwiet il-kundizzjoni persistenti tal-attriċi għall-ingurja sussegwenti tagħha wara l-inċident, huwa wieġeb li l-artrite u d-*disc* li kellha huma sinjal ta' *degenerative changes* illi xi ftit jiġru f'kulħadd pero' kienu aktar qawwijin fiha. Jekk persuna għandha għonqha ta' 18 jiflaħ skoss ikbar qabel ma jibda jagħmel ingurja permanenti minn għonq li diga' hu mxellef. Qal ukoll li ta' 44 sena mhux normali li wieħed ikollu l-artrite u għalhekk jekk hija fil-mument tal-inċident kellha l-artrite għonqha kien ta' mara ixjeħ fis-sens li l-artrite rrendietha anqas kapaċi li tieħu mpatt milli kieku għonqha kien vergni.

In **kontro-eżami**, mistoqsi jekk ir-rapport tiegħu kienx ibbażat fuq il-lat ortopediku, huwa rrisponda li kien *orthopaedic surgeon* għal 20 sena l-isptar u kemm il-darba anke opera fuq *injuries* fl-ispina tad-dahar. L-*ispecial interest* tiegħu fl-ortopedija kienet ix-xewka tad-dahar. Qal li dak huwa l-kamp tiegħu 100%.

iv. **Rapport ieħor esibit mill-konvenuta redatt mit-tabib Frank Bartolo**[11] jgħid li wara li eżamina lill-attriċi wasal għal din il-konklużjoni –

*"This lady must have suffered a lateral contra-*coup *trauma to her neck which was already compromised due to previous neurosurgery.*

*At present she complains of pain which seems to be well controlled. It is impossible to know whether the clinical neurological findings in her right upper limb are due to a new injury or a residue to the surgery this patient underwent."*

v. Il-**konvenuta Maria Amanda Azzopardi in subizzjoni**[12] xehdet dwar kif seħħ l-inċident u qalet li hi kienet ħierga minn *side street* fir-Rabat in-naħa tan-Nigret. Iddiskrivit li kien hemm ħanut fil-kantuniera li suppost ma jipparkjawx peress li hemm sinjal *'unloading'* quddiem dan il-ħanut. Hi biex toħrog minn din is-*side road* u tkun tista' tara kellha toħrog kemmxejn aktar mill-vann li

[11] Fol 28
[12] Fol 34A et seq

kien ipparkjat quddiem il-ħanut; tgħid li hekk għamlet, fil-fatt ħarget 'il barra sew biex tkun tista' tara. Il-konvenuta tgħid li kienet ħierga minn fuq *stop sign* li kien hemm fis-*side road* imsemmija għal ġo triq prinċipali. Meta hija ħabtet mal-vettura tal-attriċi li kienet qed issuq fit-triq prinċipali ma ċċaqalqitx wisq u kienet qisha pparkjata. Il-konvenuta qalet li taf li l-kumpaniji rispettivi tal-partijiet laħqu qbil u t-tort attribwewh lilha pero' ma qablux fir-rigward tal-*injuries*.

**In eżami**[13] l-konvenuta Azzopardi xehdet li hi u ħierga mill-istop sign kienet ħarġet bil-quddiem tal-karozza tagħha. Kienet ħarġet ftit aktar 'il barra peress li kien hemm karozza pparkjati fil-kantuniera ma' ħanut u rat li mhu ġej ħadd u meta ħarġet kemmxejn aktar sabet il-karozza tal-attriċi. Il-konvenuta stqarret li hija kienet midħla ta' dawk l-akwati u ġieli għaddiet minn hemm. Fil-punt fejn saret il-ħabta t-triq kienet kemmxejn idjeq mill-bqija l-oħra tat-triq. Il-vettura pparkjata kienet ipparkjata fuq il-bankina u ma kienx hemm wisq distanza mill-kantuniera fejn ħarget hi. Insistiet li hi kienet għaddejja b'veloċita ta' 15 jew 20 peress li kienet gejja minn fuq *stop sign*. Pero' hi u ħierga mill-*istop sign* imbagħad kienet fuq il-*first*. L-ewwel darba li rat il-vettura tal-attriċi tgħid li hi ratha ma' wiċċha mill-ewwel. Fit-triq tħallew *brake marks*. Rigward diskors li sar wara l-inċident il-konvenuta tgħid li t-tnejn li huma kienu maħsuda. Hi kienet staqsiet lill-attriċi jekk weġġgħetx u qaltilha li le. Imbagħad ġew il-*wardens* fuq il-post u sakemm ġew l-attriċi qalet li kienet qed tħoss xi uġiegħ u sussegwentement ġew il-pulizija. L-impatt fuq il-vettura tal-konvenuta kien quddiem fuq in-naħa tan-*number plates* u minn nofs tal-vettura quddiem san-naħa tax-xellug. Minn nofs san-naħa tal-lemin ma kien hemm xejn fuq il-vettura tal-konvenuta. Il-kovenuta ma kinitx f'qagħda li tikkummenta dwar il-velocita' tas-sewqan tal-attriċi għax ma tafx b'kemm kienet għaddejja pero' qalet li kien hemm *break* minn naħa tagħha. It-triq fejn seħħ l-inċident mhix wiesgħa u l-

[13] Fol 67C et seq

konvenuta qalet li hija triq li trid iċċedi biex jgħaddi ħaddieħor jiġifieri ma tippermettilekx li toqgħod f'karreġjata partikolari. Dan speċjalment fil-post quddiem l-*ironmongery* fejn sar l-inċident.

In **kontro-eżami** hija ġiet mistoqsija dwar il-vettura pparkjata. Hija ma qablitx ma' dak li gie suġġerit lilha u ċioe' li l-vettura kienet ipparkjata ċirca xi metru bogħod mill-kantuniera iżda nsistiet li kienet ipparkjata mal-kantuniera. Hija ma ratx il-vettura tal-attriċi izda malli ratha ħabtu mill-ewwel.

vi. Xehed **Ray Bugeja, rapprezentant ta' Laferla Insurance**[14] li qal li *survey* fuq il-vettura tal-konvenuta ma sarx u hi ma kklejmjatx ħsarat. Rigward ħsarat fuq il-vettura tal-attriċi huma ħallsu €1090.69. Is-*survey report* tal-attriċi sar minn Gasan, mill-liema rapport irriżulta li l-ħsarat tal-vettura tal-attriċi huma fuq in-naħa ta' quddiem tal-lemin. Dawn il-ħsarat diġa' kienu ġew imħallsa mis-soċjeta' assikurattiva tal-konvenuta Laferla lis-soċjeta' assikuratrici tal-attriċi Gasan Mamo.

vii. Ċertifikat mediku tal-**consultant neuro surgeon Dr Johanna van 't Verlaat**[15] ta' Jannar 2009 jgħid li l-attriċi kienet għamlet *cervical surgery* f'Jannar 2008 u kienet qed tirkupra tajjeb sakemm kienet involuta fl-inċident tat-traffiku f'Settembru 2008. Wara l-inċident kellha riperkussjonijiet u bil-fiżjoterapija li għamlet kellha biss ftit titjib. Il-konsulenta kkonkludiet li **l-attriċi sofriet diżabilita' permanenti ta' 15%**;

viii. **Certifikat mediku ieħor tal-konsulent Dr Johanna van 't Verlaat** datat l-1 ta' Marzu 2010[16] reġa' kkonferma li wara l-inċident stradali tal-2008 l-attriċi ssofri minn *"a severe cervical syndrome with bilateral brachialgia. She has problems with driving the car. She has to use painkillers."* Il-persentaġġ ta' 15% diżabilita' ukoll reġa' ġie kkonfermat.

---

[14] Fol 70A et seq
[15] Fol 42
[16] Fol 42a

ix. Ġew esibiti wkoll diversi dokumenti oħra fosthom il-*file* mediku tal-isptar rigwardanti l-attriċi[17].

x. **Rapport tal-perit mediku mqabbda mill-Qorti Dr Josanne Aquilina tal-24 t'Ottubru 2014**[18] li wara li fost oħrajn eżaminat lill-attriċi u rat l-istorja medika tagħha waslet għal din id-dijanjosi klinika –

*"Mill-istorja mehuda minn Ms Lindfield u mid-dokumenti ta' l-Isptar Mater Dei, jirriżulta li hija kellha dijanjożi ta' disc protrusions (C5-6, C6-7) fis-sinsla cervikali bin-nerv C6 tal-lemin maqrus li kien qed jirrizulta f'C6 radiculopathy. F'Jannar 2008 saret operazzjoni biex jitwessghu l-ispazju minn fejn jghaddu s-sinsla ta' l-ghonq u n-nerv C6 tal-lemin (Laminectomy C5,6,7 u Foraminectomy Right C6) b'miljorament fis-sintomi. Wara l-allegat incident f'Settembru 2008, xi sintomi regghu irkadew b'mod partikolari fid-driegh il-leminija. L-eżami newrologiku wera biss li kien hemm nuqqas parzjali u soggettiv ta' sensazzjoni fid-dermatomes C5,6,7,8."*

**L-espert mediku qieset ir-rata ta' diżabilita' permanenti tal-attriċi bħala 3%** u dan wara li rreferiet għall-emendi fil-ligi dwar id-danni ċivili maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

xi. Wara li l-partijiet talbu l-ħatra ta' periti perizjuri[19], u wara li fuq ordni tal-Qorti[20] il-partijiet proponew isem ta' tabib kull wieħed, il-Qorti nnominat lil Dr Anthony Galea Debono, Dr Maria Mallia u Dr Malcolm Vella bħala esperti mediċi[21]. Il-konklużjoni tagħhom fir-rapport minnhom redatt kienet li[22]-

*"Is-sintomi prezenti li ghandha Lindfield ilhom hemm mill-gurnata ta' l-incident tat-traffiku.*

---

[17] Fol 75
[18] Fol 126 et seq
[19] Fol 137 u 138
[20] Fol 139
[21] Digriet a fol 141
[22] Fol 146 et seq

*M'hemm'x dubju li kellha "Whip Lash Injury" ta' certu severita'.*

*Il-fatt li xhur qabel dan l-incident kellha bzonn operazzjoni fuq l-ghonq, m'ghandux jidhol fl-assessment tas-sitwazzjoni prezenti, ghaliex hija kienet fieqet kompletament mill-ugiegh ta' dakinhar.*

*Fl-opinjoni taghna d-diżabilita' hija stmata* ***10%****."*

Huma ddikjaraw li waslu għal din il-konklużjoni wara li raw l-emendi fil-liġi dwar danni ċivili li jindikaw li fejn hemm uġigħ frekwenti b'limitazzjoni konfermata klinikament tal-firxa tal-moviment, bi bżonn veru iżda intermettenti ta' kura bil-pilloli, id-diżabilita' permanenti tkun meqjusa bejn 3% sa 10%.

L-attriċi qablet mal-konklużjonijiet tar-rapport tal-periti perizjuri[23].

Il-konvenuta ressqet diversi domandi in eskussjoni[24] li għalihom fost oħrajn il-periti perizjuri wieġbu li[25] huma kienu raw l-MRI *scan* li kien sar qabel l-intervent kirurgiku preċedenti għall-inċident stradali in kwistjoni. Huma ma sabu l-ebda riżultanzi li kienu rilevanti għall-każ tal-lum.

In risposta għal aktar domandi in eskussjoni *viva voce* li saru mill-konvenuta, Mr Anthony Galea Debono għan-nom tal-periti perizjuri fost oħrajn qal li[26] l-*whip lash injury* bħal ma sofriet l-attriċi hija kumplessa ħafna fejn wieħed ikun qisu fekkek għonqu u mhix sempliċiment kwistjoni ta' xi nerv magħfus. Hija ħsara li tkun ġrat kemm lill-*ligament*, kemm lill-għadam, kemm lid-diski u anke lin-nervituri. Hemm imbagħad sintomi suġġettivi li wieħed irid joqgħod fuqhom u ċioe' uġiegh fl-għonq li jirradja lejn l-idejn, tnemnim fis-swaba', ugiegħ bejn l-ispalel – fuq hekk issir dijanjosi fuq *whiplash injury*. L-espert mediku qal ukoll li wara li l-attriċi kienet għamlet l-ewwel intervent mediku (anteċedenti

[23] Fol 160
[24] Fol 169
[25] Fol 177 et seq
[26] Fol 195 et seq; fol 220 et seq

għall-inċident tal-lum) hija ma kinitx baqgħet tilmenta minn uġigħ. Rega' kkonferma pero' li s-sintomi tal-uġigħ li qed tbati minnhom l-attriċi minn wara l-inċident in kwistjoni huma dawk li hija sofriet kawża tal-inċident għalkemm m'eskludiex li xi uġigħ seta' jkun affetwat mill-artrite li kienet tbati minnha l-attriċi sa minn qabel.

Mitlub imbagħad jikkummenta dwar jekk huwhiex minnu li l-*whiplash injury* hijiex kontenzjuża fil-kamp mediku, it-tlett esperti mediċi ma qablux għax qalu li *statement* hekk huwa biss *fishing expedition*. L-espert mediku Dr Malcolm Vella qal li *whiplash injury* hija dijanjosi klinika bħalma hi dijanjosi t'attakk tal-qalb jew attakk ta' puplesija. Dr Anthony Galea Debono asserixxa li l-maġġor parti tat-tobba jaqblu li *whiplash injury* tezisti.

Dr Galea Debono kkonferma wkoll li l-ilment tal-attriċi kien uġigħ persistenti li jinfirex tul id-driegħ kollu tal-lemin. Dr Malcolm Vella spjega wkoll li l-persentaġġ ta' diżabilita' ġie kalkulat fuq il-*whiplash injury*.

## B. KUNSIDERAZZJONIJIET

**Fl-ewwel talba tagħha** l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li l-inċident stradali tas-17 ta' Settembru 2008 ġewwa Triq Bir Riebu r-Rabat seħħ unikament tort tal-konvenuta peress li hija kienet qegħda ssuq b'negliġenza, mperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku.

Minn naħa tagħha fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta tiddikjara li hija kienet aċċċettat il-maġġior parti tar-responsabilta' tal-inċident pero' l-attriċi kkontribwiet għalih minħabba dak li hija sejħet il-*"veloċita' esagerata tagħha f'żona u lokalita' fejn il-moderazzjoni u l-prudenza kienu mperattivi għaliha."*

Tenut kont tal-fatt li l-inċident seħħ bejn sewwieqa (l-attriċi) li kienet qed issuq fi triq prinċipali u l-konvenuta li kienet qed toħrog f'din it-triq minn triq sekondarja u minn fuq *stop sign*, tajjeb li fl-ewwel lok jiġu sottolineati r-regoli applikabbli mill-*Highway Code* li jgħidu hekk -

*"Ghaqda ta' Zewg toroq*

*205. Uza aktar attenzjoni f'għaqda ta' żewġ toroq jew f'salib it-toroq. Ħares għas-sinjali tat-traffiku, dawl għat-traffiku jew marki tal-karreġġata relattivi u obdihom. IEQAF fejn ikun hemm sinjali 'STOP'.*

*[….]*

*Id-Dritta tat-Triq*

*212. Jekk ma jkunx muri xort' oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali.*

*213. F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq pricipali."*

Il-ġurisprudenza tkompli telabora dwar il-prinċipji li jirregolaw id-doveri kemm tas-sewwieqa li jkunu ser iwettqu manuvra straordinarja (bħal ma hu ħrug għal ġo triq prinċipali minn fuq *stop sign*), kif ukoll id-doveri tas-sewwieqa li jkunu qed isuqu f'dik it-triq prinċipali. Ingħad fil-każ **Citadel Insurance plc noe vs Paul Scerri deciz fit-22 ta' Gunju 2005**[27] li –

" *Issa m' hemmx dubju illi in linea ta' massima min ikun hiereg minn fuq stop sign u aktar u aktar ghal fuq triq principali li hu htieglu wkoll jittraversa kellu*

[27] App Civili Nru 393/2003

*l-obbligu magguri li qabel ma johrog jesplora sewwa t-triq li ried jidhol fiha u jcedi ghat-traffiku transitanti fuqha. Dan ghaliex il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata biex tiddisturba l-kors ordinarju tattraffiku li jkun ghaddej minnha. (Ara Kollez. Vol. XLV P I p 389);*

*Minn naha l-ohra ma jista' jkun lanqas dubitat illi l-fatt li wiehed ikun qed isuq fi triq principali dan ma jiddispensahx certament mill-obbligu primarju nkombenti fuq kull utent tat-triq li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti tosserva li mkien mill-provi ma rriżulta li l-attriċi kisret l-obbligi tagħha tas-sewqan inkluż għal dik li hi użat veloċita' għolja fis-sewqan tagħha. Għalkemm il-konvenuta qalet li l-attriċi kienet qed issuq bi *speed* eċċessiv għal dik il-parti tat-triq, din il-prova baqgħet qatt ma ġiet sostanzjata. L-attriċi min-naħa tagħha xehdet li hija kienet qed issuq b'veloċita' moderata, għalhekk meħudin iċ-ċirkustanzi tal-każ, partikolarment għax kif ingħad ma ġiex muri mod ieħor, u l-fatt li l-konvenuta ħarġet minn fuq *stop sign*, il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex temmen din il-verżjoni.

Għall-kuntrarju ssib nuqqasijiet da parti tal-konvenuta li għalihom fil-fehma tal-Qorti għandha ġġorr ir-responsabilta' sħiħa tal-inċident. Huwa pależi li hi u ħierga minn fuq l-*istop sign* il-konvenuta ma eżerċitatx il-*proper look out* meħtieg minn sewwieq li jkun ser jisporġi minn triq sekondarja għal triq prinċipali. Huwa minnu li kien hemm vettura pparkjata li ħolqot ftit ostaklu għall-viżwali tal-konvenuta hi u ser toħrog fi triq Bir Riebu fejn seħħ l-inċident, iżda dan m'għandux iservi ta' skużanti għall-konvenuta anzi kien ipoġġi responsabbilta' akbar fuqha li tuża ħafna aktar attenzjoni u prudenza qabel toħrog fit-triq prinċipali. Dan aktar u aktar meta ħierga minn fuq *stop sign*. Il-Qorti tqis illi li kieku l-konvenuta qagħdet aktar attenta u wżat prudenza u

diliġenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias* fil-ħrug tagħha għat-triq prinċipali l-inċident kien jiġi evitat.

**Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-ewwel talba attriċi sejra tigi milqugħa.**

Konsegwentement il-konvenuta għandha tagħmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess attriċi kawża tal-inċident.

**It-tieni u t-tielet talba attriċi** infatti jirrigwardaw il-likwidazzjoni u ħlas ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* allegatament sofferti mill-attriċi kawża tal-inċident.

Għal dawn it-talbiet il-konvenuta tilqa' billi tikkontesta l-allegata diżabilita' permanenti tal-attriċi għax fil-fehma tagħha kien hemm dubju jekk din ġietx kawżata mill-inċident *per se* jew minn problemi ta' saħħa preċedenti għall-istess inċident. Hija kkontestat ukoll il-persentaġġ ta' diżabilita' pretiż mill-attriċi.

Għal kull buon fini huwa paċifiku li d-danni kkawżati lill-vettura tal-attriċi ġew saldati mis-soċjeta' assikuratrici tal-konvenuta u għalhekk illum fadal biss il-kwistjoni tad-danni marbuta mad-diżabilita' permanenti tal-attriċi.

**L-artikolu 1045 tal-Kodiċi Civili** jipprovdi hekk -

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta'*

*qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*

*Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deċiż fil-25 ta' Frar 2016**[28] din il-Qorti diversament preseduta ġabret rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawża ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif*

[28] Rik Gur 836/01LSO

*intqal fil-kawża* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuża bhala bazi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[29]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[30].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

---

[29] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

[30] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawża fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-każ **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament*

*presjeduta fil-każ* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawża ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawża, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "****Agius vs Fenech****" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "****Sylvester Tabone vs Carmen Abela"*** *P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd****." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012)."*

Applikati dawn il-prinċipji suesposti għall-każ odjern tqies li dwar:

**DAMNUM EMERGENS**

Ma ġew preżentati ebda riċevuti marbuta mad-*damnum emergens*. Għalhekk ma hemm ebda somma x'tiġi likwidata favur l-attriċi fir-rigward.

**LUCRUM CESSANS**

a. Dwar il-**persentaġġ ta' diżabilita'** huwa evidenti li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet partikolarment peress hemm ċertu avarija fil-persentaġġ mogħti mill-perit mediku mqabbda mill-Qorti u l-periti perizjuri kif ukoll il-persentaġġi mogħtija mill-konsulenti *ex parte* mqabbda mill-partjiet.

Il-Qorti tibda billi tissenjala li dwar il-piż probatorju tal-kostatazzjonijiet ta' periti esperti nominati minnha ġie ritenut kostantement mill-ġurisprudenza nostrali, li għalkemm Qorti mhijiex miżmuma li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ġew magħmula minn espert tekniku mqabbad appositament biex jeżamina materja teknika bhal ma hu l-każ odjern.

Fil-każ fl-ismijiet **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016**[31] elenkat il-principji rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

[31] Cit Nru 13/06 JZM

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht eżami ("***Grima vs Mamo et noe" –** *Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)***.**

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca" –** *Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999* **; "Saliba vs Farrugia***" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u* ***"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"*** *(Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et" –** *Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)."*

Huwa minnu li hemm differenza bejn il-persentaġġi ta' diżabilita' li waslu għaliha il-periti perizjuri u l-perit mediku Dr Josanne Aquilina. Iżda wara li rat ir-rapporti mediċi kollha in atti l-Qorti tqis li m'hemm ebda lok li jwassalha

biex tiddubita mill-konstatazzjonijiet tal-periti perizjuri mqabbda minnha u tqis li l-konklużjonijiet tagħhom huma ġusti u għalhekk tistrieħ fuqhom.

Dwar il-kritika tal-konvenuta għal dan ir-rapport tal-periti perizjuri l-Qorti tissottolinea fl-ewwel lok li hija ħatrithom għax l-ilment tal-attriċi huwa marbut mal-aspett newrologiku tagħha[32]. Il-Qorti tirrimarka ulterjorment li l-periti perizjuri l-ispeċjalisti Maria Mallia, Anthony Galea Debono u Malcolm Vella iġġustifikaw dettaljatament il-konklużjonijiet tagħhom dwar il-persentaġġ ta' diżabilita' li waslu għalih, u dan mhux biss fir-rapport peritali nnifsu iżda kif amplifikat fl-eskussjonijiet sussegwenti. Inoltre f'dawn l-istess eskussjonijiet imsemmija l-periti ndirizzaw a sodisfazzjon tal-Qorti l-allegazzjonijiet tal-konvenuta li dak li ġara lill-attriċi f'saħħitha ma kienx konsegwenza tal-inċident iżda ta' problemi preċedenti. Jingħad ukoll b'żieda ma' dan kollu li minkejja li waqt l-eskussjoni lid-difensur tal-konvenuta għamel lill-periti perizjuri huwa indika li kien ser jipprova jġib prova li l-attriċi kienet fil-fatt għadha muġugħa saħansitra wara l-ewwel operazzjoni, **pero din il-prova baqgħet ma nġiebet qatt**.

Fid-dawl ta' dawn il-motivazzjonijiet il-Qorti sejra tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tar-rapport tal-periti perizjuri u sejra timxi fuq ir-**rata ta' diżabilita' permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%)** stabbilita' minnhom.

a. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta li l-attriċi twieldet fid-19 ta' Novembru 1965[33] għalhekk fid-data tal-inċident kellha l-eta' ta' tnejn u erbgħin (42) sena. Kif ingħad, il-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-incident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġriehi. A bażi tac-*chart* ċitata minn din il-Qorti stess fis-sentenza tagħha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30**

[32] Verbal a fol 141
[33] Fol 40

**ta' Mejju 2016**[34] il-multiplier għandu jkun ta' **hmistax (15) il-sena**, tenut kont tal-età tal-attriċi fi żmien l-inċident u tal-*working life expectancy*. Dan il-*multiplier* għandu jagħmel tajjeb ukoll għall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

Għal dak li huwa **salarju**, id-dħul ġross tal-attriċi kien[35]-

2005 – €16,440 (Lm7058)

2006 – €16,680 (Lm7161)

2007 – €17,260 (Lm7410)

2008 - €14660

Id-dħul medju għal dawn is-snin kien ta' ċirka sittax il elf mitejn u sittin ewro, €16,260 ma' liema somma ser tiżdied is-somma ta' ħames mitt ewro €500 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

**B'hekk il-qliegħ annwali ser jiġi kalkulat fuq is-somma ta' sittax il-elf seba' mija u sittin ewro, €16,760.**

d. Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawża nfetħet f'inqas sentejn wara l-inċident u s-sentenza qegħda tingħata ċirka għaxar snin wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li**t-tnaqqis idoneu għandu jkun ta' 4%.**

[34] Rik Gur 118/14
[35] Fol 43 et seq

L-ammont dovut lill-attriċi bħala ***lucrum cessans*** sejjer għalhekk jiġi kalkulat kif ġej:

**€16,760 x 10% x 15 = €25,140 – 4% = €24,134.40**

**Konsegewntement għar-raġunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejra jiġu milqugħa skont kif appena deċiz u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ser jiġu respinti.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-inċident stradali li seħħ fis-17 ta' Settembru 2008 ġewwa Triq Bir Riebu Rabat (Malta) waqt li l-attriċi kienet qed isuq il- vettura DBL-228 u l-konvenuta kienet ssuq il-vettura MWA-128 seħħ unikament b'tort ta' l-istess konvenuta u dana peress li hija kienet qed issuq b' negliġenza, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku ;**

**3. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara li kawża tal-inċident in kwistjoni, l-attriċi sofriet danni konsistenti f'*lucrum cessans*, u qegħda tillikwida s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mija u erbgħa u tletin Ewro u erbgħin centezmu (€24,134.40);**

**4. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma hekk likwidata;**

**5. L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-intimata;**

**6. Bl-imgħax legali jibda jiddekorri mill-lum.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**